

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/941

### tat-2 ta' Lulju 2018

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 669/2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċċjali mwettqa fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-animali u r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 885/2014**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mar-regoli dwar is-saħħa tal-animali u l-welfare tal-animali (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(5) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-hiġiġiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtoritāt Ewropea dwar is-Sigurtà fl-ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (²), u b'mod partikolari l-Artikoli 53(1)(b)(ii) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009 (³) jistipula r-regoli dwar iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċċjali li jridu jitwettqu fuq l-importazzjoni ta' għalf u ta' ikel ta' oriġini mhux mill-animali elenkti fl-Anness I tiegħu ("il-lista"), fil-punti tad-dħul magħżulin fit-territorji msemmija fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.
- (2) Skont ir-Regolament (KE) Nru 669/2009, fil-każ ta' konsenji li jaslu fl-Unjoni bil-baħar, li jinħattu l-art bl-għan li jitgħabbew fuq vapur ieħor biex imorru fport ieħor fi Stat Membru ieħor (konsenji trażbordati), il-punt tad-dħul magħżul ikun l-aħħar port. Għall-għan ta' organizzazzjoni effiċċjenti tal-kontrolli uffiċċjali fil-fruntieri tal-Unjoni, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħha tal-bniedem, tal-animali u tal-pjanti, l-istess regola jenħtieġ li tapplika għall-konsenji li jidħlu l-Unjoni permezz tat-trasport tal-ajru minn pajjiż terz, li jiġu trażbordati biex jitkompla l-vjaġġ għal ajrport ieħor fl-Unjoni. F'dawk il-każiġiet, il-punt tad-dħul magħżul jenħtieġ li jkun l-aħħar ajrport. Għall-istess raġunijiet, din ir-regola jenħtieġ li tapplika wkoll fejn il-konsenji jkunu trażbordati għat-tkompliha tal-vjaġġ fl-istess Stat Membru. It-terminoloġija użata fdak li għandu x'jaqsam ma' konsenji trażbordati jenħtieġ li tinbidel minn "trasport ulterjuri" għal "tkompliha tal-vjaġġ", li tirrifletti s-sitwazzjoni distinta ta' konsenji trażbordati meta mqabbel ma' konsenji awtorizzati għal "tkompliha tat-trasport" sakemm joħorġu r-riżultati tal-kontrolli fizċi. Huwa għalhekk xieraq li r-Regolament (KE) Nru 669/2009 jiġi emendat skont dan.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 jesīġi li l-awtoritajiet kompetenti jinnotifikaw lill-Kummissjoni u l-istat-Membri bil-każiġiet ta' rifxut mal-fruntiera. Fir-rigward tal-peċċidi, huwa xieraq li jiġi ċċarat li meta l-awtoritajiet kompetenti jirrifjutaw konsenja ta' għalf u ikel elenkti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 669/2009, jenħtieġ li tali notifika ssir fejn il-livell massimu ta' residwi stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁴) ma jkunx ġie osservat, irrispettivament minn jekk tkunx inqabżet id-doża akuta ta' referenza.
- (4) L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 jistipula li l-lista fl-Anness I ta' dak ir-Regolament għandha tkun riveduta regolarment, u mill-inqas darbtejn fis-sena, filwaqt li għandhom jitqiesu s-sorsi ta' tagħrif imsemmijin f'dan l-Artikolu.
- (5) L-okkorrenza u r-rilevanza tal-inċidenti reċenti b'rabta mal-ikel, innotifikati permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf, is-sejbiet tal-awditi li twettqu f'pajjiżi terzi mid-Direttorat għall-Awditi u l-Analiżi

(¹) ĠUL 165, 30.4.2004, p. 1.

(²) ĠUL 31, 1.2.2002, p. 1.

(³) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009 tal-24 ta' Lulju 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċċjali mwettqa fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-animali u li jemenda d-Deċiżjoni 2006/504/KE (ĠUL 194, 25.7.2009, p. 11).

(⁴) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' peċċidi fi jew fuq ikel u għalf li jorigi minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

tal-Ikel u tas-Sahħha tad-Direttorat Ĝeneralni tal-Kummissjoni għas-Sahħha u s-Sikurezza Alimentari, kif ukoll ir-rapporti ta' darbejn fis-sena dwar il-konsenji tal-għalf u tal-ikel ta' oriġini mhux mill-annimali ppreżentati mill-Istati Membri lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 jindikaw li jenħtieġ li l-lista tiġi emadata.

- (6) B'mod partikolari, għal konsenji ta' frott żgħir goji miċ-Ċina u ta' nevew ippreparat jew ippreservat fil-ħall jew fl-aċċidu aċċetiku ("nevew tal-pickles") mill-Libau u mis-Sirja, is-sorsi ta' informazzjoni msemmijin qabel jindikaw l-emerġenza ta' riskji ġoddha għas-Sahħha tal-Bniedem li jeħtieġu l-introduzzjoni ta' żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali. Għalhekk, jenħtieġ li l-entrati li jikkonċernaw dawn il-konsenji jiddaħħlu fil-lista.
- (7) B'mod partikolari, jenħtieġ li l-lista tiġi emadata billi jitħassru l-entrati għall-Prodotti li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika livell ġenerali sodisaċenti fil-konformità mar-rekwiżiti ta' sikurezza rilevanti stipulati fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u li għalhekk għalihom ma għadhiex ġustifikata żieda fil-kontrolli uffiċjali. Għalhekk, l-entrati fil-lista dwar il-Brassica oleracea miċ-Ċina, il-frawli mill-Egħiġi, l-għeneb imnixxef mill-Iran, il-piżelli bil-miżwed mill-Kenja, il-fażola twila jarda mit-Tajlandja u l-brunġiel u l-brunġiel Etjopjan mill-Uganda jenħtieġ li jitħassru.
- (8) Barra minn hekk, jenħtieġ li l-lista tiġi emadata bit-tnaqqis tal-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u fizċi fuq il-prodotti li għalihom is-sorsi rilevanti ta' tagħrif jindikaw titjib ġenerali fil-konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u li għalhekk għalihom il-frekwenza bħalissa ta' kontrolli uffiċjali bħal dawn ma għadhiex xierqa. Għalhekk jenħtieġ li l-entrati fil-lista li jikkonċernaw l-ananas minn Benin u l-lumi u r-rummien mit-Turkija, jiġi emendati skont dan.
- (9) Barra minn hekk, il-kamp ta' applikazzjoni ta' ċerti entrati fil-lista jenħtieġ li jiġi emdat biex ikun jinkludi forom oħra tal-prodott barra minn dawk li hemm elenkati bħalissa, jekk dawk il-forom l-oħra jippreżentaw l-istess riskju. Huwa għalhekk xieraq li jiġi emendati l-entrati eżistenti rigward l-okra mill-Vjetnam, biex jinkludu l-okra iffriżata.
- (10) Sabiex tīgi protetta s-sahħha tal-Bniedem fl-Unjoni, ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 885/2014 (¹) jistipula li konsenji ta' okra (ikel, frisk u ffriżat) mill-Indja jistgħu jiġi importati biss fl-Unjoni jekk ikunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-Sahħha li jiddikjara li l-Prodotti tiehdilhom kampjun u ġew analizzati għall-preżenza tar-residwi tal-peściċidi, u mir-riżultati tat-teħid tal-kampjuni u l-analiżi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz biex tkun aċċertata l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-livelli massimi tar-residwi tal-peściċidi. Ir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 885/2014 jistabbilixxi wkoll żieda fil-frekwenza tal-kontrolli uffiċjali fuq l-importazzjoni tal-okra mill-Indja fil-fruntieri tal-Unjoni. Ir-riżultati minn dawn il-kontrolli jru tnaqqis fil-frekwenza tan-nuqqas ta' konformità mal-livelli massimi tar-residwi tal-peściċidi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 għal dan il-prodott, u b'hekk jipprovdu evidenza li r-riskju relatav mal-importazzjoni tiegħi naqas b'mod sinifikanti. Huwa għalhekk xieraq li l-okra mill-Indja ma tigħix soġġetta għall-kundizzjonijiet speċċiali ta' importazzjoni stabbiliti fir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 885/2014. Jenħtieġ li jinżamm livell oħglu ta' kontrolli uffiċjali fil-fruntieri tal-Unjoni wara l-waqfien tat-teħid ta' kampjuni, l-ittestjar u c-ċertifikazzjoni qabel l-esportazzjoni meħtieġa mir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 885/2014 għal dan il-prodott. Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 885/2014 u l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 jiġi emendati skont dan.
- (11) L-entrati eżistenti rigward it-ġeġi miċ-Ċina fil-lista fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 jeħtieġu li l-awtoritajiet kompetenti jittestjaw dan il-prodott għat-Triflurar. Madankollu, l-Istati Membri ma rrappurtawx deteżżjonijiet ta' din il-peściċida f'dan il-prodott u ma hemm l-ebda notifikasi rilevanti tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf stabbilita skont ir-Regolament (KE) Nru 178/2002. Fl-istess ħin, ġew irrappurtati deteżżjonijiet frekwenti ta' Tolfenpirad fit-te miċ-Ċina. L-istess bħax-Trifluralin, din il-peściċida mhix elenkata fil-programmi ta' kontroll imsemmi fl-Artikolu 29(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 u għalhekk l-ittestjar għal din il-peściċida muħwiex meħtieġ fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 669/2009. Huwa għalhekk xieraq li jiġi emendati l-entrati eżistenti rigward it-ġeġi miċ-Ċina fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 biex titħassar ir-referenza għat-Triflurar u li l-awtoritajiet kompetenti jkunu obbligati li jittestjaw dan il-prodott għat-Tolfenpirad.
- (12) Il-karatteristiċi speċifiċi tal-ippakkjjar mhux settiku fi btieti ta' "Berquq, preparat jew preservat mod ieħor" (polpa tal-berquq) (kodiċi NM 2008 50 61) elenkati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 huma tali li l-prestazzjoni tal-kampjuni fil-PDD tista' tirriżulta frisku serju għas-Sikurezza Alimentari jew biex il-prodott tkun sarit lu ħsara b'mod li ma jkunx aċċettabbli. Huwa għalhekk xieraq li jiġi emendati l-entrati eżistenti "Berquq, preparat jew preservat mod ieħor" (polpa tal-berquq) fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 li jipprevedi li verifikasi fizċi u tal-identità fuq konsenji ta' prodotti bħal dawn jistgħu jitwettqu mill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' destinazzjoni kif indikat fid-dokument komuni tad-dħul (DKD), jekk ikun xieraq fuq il-post tal-operatur tan-negożju tal-ikel, meta l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9(2) ta' dak ir-Regolament jkunu ssodisfati.

(¹) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 885/2014 tat- 13 ta' Awwissu 2014 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet speċifiċi li jaġplikaw għall-importazzjoni tal-okra u tal-weraq tal-kari mill-Indja u li jħassar ir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 91/2013 (ĠU L 242, 14.8.2014, p. 20).

- (13) Sabiex ikunu żgurati l-konsistenza u c-ċarezza, huwa xieraq li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 jiġi sostitwit bit-test stabbilit f'Anness I ta' dan ir-Regolament.
- (14) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 669/2009 u r-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 885/2014 jiġu emendati skont dan.
- (15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

#### **Emendi għar-Regolament (KE) Nru 669/2009**

Ir-Regolament (KE) Nru 669/2009 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 3, l-aħħar sentenza tal-punt (b) hija sostitwita b'dan li ġej:

“fil-każ ta' konsenji li jidħlu fl-Unjoni bi trasport bil-baħar jew tal-ajru minn pajiż terz, li jitħattew l-art bl-għan li jitħabbew fuq vapur jew ingenu tal-ajru ieħor rispettivament fl-istess port jew ajruport għat-tranżitu lejn port jew ajruport ieħor fwieħed mit-territorji li għalihom saret referenza fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 882/2004, il-punt tad-dħul magħżul ikun l-aħħar port jew ajruport;”

- (2) L-Artikolu 13 jhuwa sostiwi b'dan li ġej:

“*Artikolu 13*

#### **Nuqqas ta' konformità**

1. Jekk il-kontrolli uffiċjali jistabbilixxu li hemm nuqqas ta' konformità, l-uffiċjjal responsabbi tal-awtorità kompetenti għandu jimgħad l-Parti III tad-dokument komuni tad-dħul u għandha tittieħed azzjoni skont l-Artikoli 19, 20 u 21 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

2. Meta l-awtorità kompetenti fil-punt tad-dħul magħżul ma tippermettix l-introduzzjoni ta' konsenja ta' għalf u ikel elenkti fl-Anness I minħabba nuqqas ta' konformità mal-livelli massimi ta' residwi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005, hija għandha tinnotifika immedjatamente it-tali rifjut mal-fruntiera f'konformità mal-Artikolu 19(3) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004”

- (3) L-Anness I huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

### *Artikolu 2*

#### **Emendi għar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 885/2014**

Ir-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) Nru 885/2014 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Dan ir-Regolament għandu jaġplika għal konsenji tal-ikel ta' oriġini mhux mill-annimali, li huwa elenkat fl-Anness I.”

- (2) L-Anness I huwa emendat kif indikat fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

### *Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Lulju 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---

## ANNESS I

“ANNESS I

**Għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali soġġett għal żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali fil-punt tad-dħul magħżul**

Għalf u ikel (użu maħsub)	Kodiċi NM <sup>(1)</sup>	Subdiviżjoni TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal- kontrolli fiziċċi u tal-identità (%)
Ananas <b>(Ikel - frisk jew imkessaħ)</b>	0804 30 00		<b>Il-Benin (BJ)</b>	Residwi tal-pesti-ċidi <sup>(2)</sup> <sup>(3)</sup>	10
— Karawett fil-qoxra	— 1202 41 00		<b>Il-Bolivja (BO)</b>	Aflatossini	50
— Karawett, bla qoxra,	— 1202 42 00				
— Butir tal-karawett	— 2008 11 10				
— Karawett, ippreparat jew ippreservat b'xi mod ieħor;	— 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98				
<b>(Għalf u ikel)</b>					
Goġi komuni/goġi taċ-Ċina (wolfberries) ( <i>Lycium barbarum L.</i> ) <b>(Ikel - frisk, imkessaħ jew innixxef)</b>	ex 0813 40 95; ex 0810 90 75	<b>10</b> <b>10</b>	<b>Iċ-Ċina (CN)</b>	Residwi tal-pesti-ċidi <sup>(2)</sup> <sup>(4)</sup>	10
Te, kemm jekk imħawwar jew le <b>(Ikel)</b>	0902		<b>Iċ-Ċina (CN)</b>	Residwi tal-pesti-ċidi <sup>(2)</sup> <sup>(5)</sup>	10
— Bżar Ħelu ( <i>Capsicum annuum</i> )	— 0709 60 10; 0710 80 51		<b>Ir-Repubblika Do- minicana (DO)</b>	Residwi tal-pesti-ċidi <sup>(2)</sup> <sup>(6)</sup>	20
— Bżar (ħlief bżar ħelu) ( <i>Capsicum</i> spp.)	— ex 0709 60 99; ex 0710 80 59	<b>20</b> <b>20</b>			
— Fażola twila jarda ( <i>Vigna unguiculata</i> spp. <i>sesquipedalis</i> , <i>vigna unguiculata</i> spp. <i>unguiculata</i> )	— ex 0708 20 00; ex 0710 22 00	<b>10</b> <b>10</b>			
<b>(Ikel - frisk, imkessaħ jew iffriżat)</b>					
— Bżar Ħelu ( <i>Capsicum annuum</i> )	— 0709 60 10; 0710 80 51		<b>L-Eġittu (EG)</b>	Residwi tal-pesti-ċidi <sup>(2)</sup> <sup>(7)</sup>	10
— Bżar (ħlief bżar ħelu) ( <i>Capsicum</i> spp.)	— ex 0709 60 99; ex 0710 80 59	<b>20</b> <b>20</b>			
<b>(Ikel - frisk, imkessaħ jew iffriżat)</b>					
— ġellewż bil-qoxra	— 0802 21 00		<b>Il-Georgia (GE)</b>	Aflatossini	20
— ġellewż bla qoxra	— 0802 22 00				
<b>(Ikel)</b>					

Għalf u ikel (użu maħsub)	Kodiċi NM <sup>(1)</sup>	Subdiviżjoni TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fiżiċi u tal-identità (%)
Żejt tal-palm <b>(Ikel)</b>	1511 10 90; 1511 90 11; ex 1511 90 19; 1511 90 99	<b>90</b>	<b>Il-Għana (GH)</b>	Żebgħat tas-Sudan <sup>(8)</sup>	50
— Karawett fil-qoxra — Karawett, bla qoxra, — Butir tal-karawett — Karawett, ippreparat jew ippreservat b'xi mod ieħor;	— 1202 41 00 — 1202 42 00 — 2008 11 10 — 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98		<b>Il-Għambja (GM)</b>	Aflatossini	50
<b>(Għalf u ikel)</b>					
<b>(Ikel)</b> <b>(Ikel - frisk, imkessaħ jew iffriżat)</b>	ex 0709 99 90; ex 0710 80 95	<b>20</b> <b>30</b>	<b>L-Indja (IN)</b>	Residwi tal-pesti-ċidi <sup>(2)</sup> <sup>(9)</sup>	10
Bżar (ħlief bżar ħelu) ( <i>Capsicum spp.</i> ) <b>(Ikel - frisk, imkessaħ jew iffriżat)</b>	ex 0709 60 99; ex 0710 80 59	<b>20</b> <b>20</b>	<b>L-Indja (IN)</b>	Residwi tal-pesti-ċidi <sup>(2)</sup> <sup>(10)</sup>	10
Karfus Ċiniż ( <i>Apium graveolens</i> ) <b>(Ikel — ħaxix aromatiku frisk jew imkessaħ)</b>	ex 0709 40 00	<b>20</b>	<b>Il-Kambodja (KH)</b>	Residwi tal-pesti-ċidi <sup>(2)</sup> <sup>(11)</sup>	50
Fażola twila jarda ( <i>Vigna unguiculata</i> spp. <i>sesquipedalis</i> , <i>vigna unguiculata</i> spp. <i>unguiculata</i> ) <b>(Ikel - ħaxix frisk, imkessaħ jew iffriżat)</b>	ex 0708 20 00; ex 0710 22 00	<b>10</b> <b>10</b>	<b>Il-Kambodja (KH)</b>	Residwi tal-pesti-ċidi <sup>(2)</sup> <sup>(12)</sup>	50
Ġdur ( <i>Brassica rapa</i> spp. <i>Rapa</i> ) <b>(Ikel - ippreparat jew ippreservat fil-hall jew l-aċċidu aċetiku)</b>	ex 2001 90 97	<b>11; 19</b>	<b>Il-Libanu LB</b>	Rodamina B	50
Bżar (ħelu jew mhux) ( <i>Capsicum spp.</i> ) <b>(Ikel - innixxef, mixwi, imfarrak jew mitħun)</b>	ex 2008 99 99; 0904 21 10; ex 0904 21 90; ex 0904 22 00	<b>79</b>  <b>20</b>  <b>11; 19</b>	<b>Is-Sri Lanka (LK)</b>	Aflatossini	20
— Karawett fil-qoxra — Karawett, bla qoxra, — Butir tal-karawett — Karawett, ippreparat jew ippreservat b'xi mod ieħor;	— 1202 41 00 — 1202 42 00 — 2008 11 10 — 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98		<b>Il-Madagascar (MG)</b>	Aflatossini	50
<b>(Għalf u ikel)</b>					

Għalf u ikel (użu maħsub)	Kodiċi NM <sup>(1)</sup>	Subdiviżjoni TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fizċi u tal-identità (%)
Ġulġlien <b>(Ikel - frisk jew imkessaħ)</b>	1207 40 90		In-Niġerja (NG)	Salmonella <sup>(13)</sup>	50
Bżar (ħlief bżar ħelu) ( <i>Capsicum</i> spp.) <b>(Ikel - frisk, imkessaħ jew iffriżat)</b>	ex 0709 60 99; ex 0710 80 59	<b>20</b> <b>20</b>	Il-Pakistan (PK)	Residwi tal-pestiċċi <sup>(2)</sup>	10
Lampun <b>(Ikel - iffrizat)</b>	0811 20 31; ex 0811 20 11; ex 0811 20 19	<b>10</b> <b>10</b>	Is-Serbja (RS)	Norovajrus	10
— Karawett, fil-qoxra — Karawett, bla qoxra, — Butir tal-karawett — Karawett, ippreparat jew ippreservat b'xi mod ieħor;  <b>(Għalf u ikel)</b>	— 1202 41 00 — 1202 42 00 — 2008 11 10 — 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98		Is-Sudan (SD)	Aflatossini	50
Ġulġlien <b>(Ikel - frisk jew imkessaħ)</b>	1207 40 90		Is-Sudan (SD)	Salmonella <sup>(13)</sup>	50
Żrieragħ tad-dulliegħ ( <i>Egusi, Citrullus</i> spp.) u l-prodotti li ġejjin minn-hom <b>(Ikel)</b>	ex 1207 70 00; ex 1106 30 90; ex 2008 99 99	<b>10</b> <b>30</b> <b>50</b>	Sierra Leone (SL)	Aflatossini	50
— Karawett fil-qoxra — Karawett, bla qoxra, — Butir tal-karawett — Karawett, ippreparat jew ippreservat b'xi mod ieħor;  <b>(Għalf u ikel)</b>	— 1202 41 00 — 1202 42 00 — 2008 11 10 — 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98		Is-Senegal (SN)	Aflatossini	50
Ġdur ( <i>Brassica rapa</i> spp. <i>Rapa</i> ) <b>(Ikel - ippreparat jew ippreservat fil-ħall jew l-aċidu aċetiku</b>	ex 2001 90 97	<b>11; 19</b>	Is-Sirja (SY)	Rodamina B	50
Bżar (minbarra dak ħelu) ( <i>Capsicum</i> spp.) <b>(Ikel - frisk, imkessaħ jew iffriżat)</b>	ex 0709 60 99; ex 0710 80 59	<b>20</b> <b>20</b>	It-Tajlandja (TH)	Residwi tal-pestiċċi <sup>(2)</sup> <sup>(14)</sup>	10
— Berquq imnixxef — Berquq ippreparat jew ippreservat mod ieħor <sup>(15)</sup>  <b>(Ikel)</b>	— 0813 10 00 — 2008 50 61		It-Turkija (TR)	Sulfiti <sup>(16)</sup>	20

Għalf u ikel (użu maħsub)	Kodiċi NM (¹)	Subdiviżjoni TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fizċi u tal-identità (%)
Għeneb imnixxef (inkluż l-għeneb imnixxef imqatta' jew mgħaffeġ f-pejst, mingħajr trattament ieħor) <b>(Ikel)</b>	0806 20		<b>It-Turkija (TR)</b>	Okratossina A	5
Lumi ( <i>Citrus limon</i> , <i>Citrus limonum</i> ) <b>(Ikel - frisk, imkessaħ jew imnixxef)</b>	0805 50 10		<b>It-Turkija (TR)</b>	Residwi tal-pestiċċidi (²) (¹⁷)	10
Rummien <b>(Ikel - frisk jew imkessaħ)</b>	ex 0810 90 75	<b>30</b>	<b>It-Turkija (TR)</b>	Residwi tal-pestiċċidi (²) (¹⁷)	10
Bżar Ħelu ( <i>Capsicum annuum</i> ) <b>(Ikel - frisk, imkessaħ jew iffriżat)</b>	0709 60 10; 0710 80 51		<b>It-Turkija (TR)</b>	Residwi tal-pestiċċidi (²) (¹⁸)	10
Weraq tad-dielja <b>(Ikel)</b>	ex 2008 99 99	<b>11; 19</b>	<b>It-Turkija (TR)</b>	Residwi tal-pestiċċidi (²) (¹⁹)	50
Ġulġlien <b>(Ikel - frisk jew imkessaħ)</b>	1207 40 90		<b>L-Uganda (UG)</b>	Salmonella (¹³)	50
— Pistaċċi bil-qoxra	— 0802 51 00		<b>L-Istati Uniti (US)</b>	Aflatossini	10
— Pistaċċi, bla qoxra	— 0802 52 00				
— Pistaċċi, inkaljati <b>(Ikel)</b>	— ex 2008 19 13; ex 2008 19 93	<b>20</b> <b>20</b>			
— Berquq imnixxef	— 0813 10 00		<b>L-Uzbekistan (UZ)</b>	Sulfiti (¹⁶)	50
— Berquq ippreparat jew ippreservat mod ieħor (¹⁵) <b>(Ikel)</b>	— 2008 50 61				
— Weraq tal-kosbor	— ex 0709 99 90	<b>72</b>	<b>Il-Vjetnam (VN)</b>	Residwi tal-pestiċċidi (²) (²⁰)	50
— Ħabaq u ħabaq sagru	— ex 1211 90 86	<b>20</b>			
— Nagħniegħ	— ex 1211 90 86	<b>30</b>			
— Tursin <b>(Ikel - ħaxix aromatiku frisk jew imkessaħ)</b>	— ex 0709 99 90	<b>40</b>			
Okra <b>(Ikel - frisk, imkessaħ jew iffriżat)</b>	ex 0709 99 90 ex 0710 80 95	<b>20</b> <b>30</b>	<b>Il-Vjetnam (VN)</b>	Residwi tal-pestiċċidi (²) (²⁰)	50

Għalf u ikel (użu maħsub)	Kodiċi NM <sup>(1)</sup>	Subdiviżjoni TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli fizċi u tal-identità (%)
Bżar (minbarra dak ġelu) ( <i>Capsicum spp.</i> ) <b>(Ikel - frisk, imkessaħ jew iffriżat)</b>	ex 0709 60 99; ex 0710 80 59	<b>20</b> <b>20</b>	<b>Il-Vjetnam (VN)</b>	Residwi tal-pestiċidi <sup>(2)</sup> <sup>(20)</sup>	50
Pitahaja (frott tad-dragun) <b>(Ikel - frisk jew imkessaħ)</b>	ex 0810 90 20	<b>10</b>	<b>Il-Vjetnam (VN)</b>	Residwi tal-pestiċidi <sup>(2)</sup> <sup>(20)</sup>	10

<sup>(1)</sup> Meta jkun meħtieġ li jiġu eżaminati biss ċerti prodotti li jidħlu taħt xi kodiċi tan-NM u meta ma tkun teżisti l-ebda subdiviżjoni speċifika f'dak il-kodiċi, il-kodiċi tan-NM jiġi mmarkat bl-ittri 'ex' quddiemu.

<sup>(2)</sup> Ir-residwi ta' mill-inqas dawk il-pestiċidi elenekti fil-programm ta' kontroll adottat skont l-Artikolu 29(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalli li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1) li jistgħu jiġu analizzati b'metodi multiresidwi bbażati fuq il-kromatografija b'fazzi gassuża/spettrometrija ta' massa (GC-MS), u dawk ibbażati fuq il-kromatografija likwida/spettrometrija tal-massa (LC-MS) (il-pestiċidi jridu jiġu ssorveljati fil-prodotti li joriġinaw mill-pjanti jew fuqhom biss).

<sup>(3)</sup> Ir-residwi tal-Etefon.

<sup>(4)</sup> Residwi ta' Amitraz.

<sup>(5)</sup> Residwi ta' Tolfenpyrad.

<sup>(6)</sup> Ir-residwi tal-Ācefat, tal-Aldikarb (is-somma tal-addikarb u tas-sulfossidu u s-sulfon tiegħu, mogħtija bħala aldkarb), tal-Amitraz (amitraz li jinkludi l-metaboliti li fihom il-frazzjoni ta' 2,4 -dimetilanilina mogħtija bħala amitraz), tad-Diafentjuron, tad-Dikofol (is-somma tal-isomeri p, p' u o,p'), tad-Ditijokarbamat (id-ditijokarbamat mogħtija bħala CS2, inklużi l-maneb, il-mankożeb, il-metiram, il-propineb, it-tiram u ż-żiram) u tal-Metijokarb (is-somma tal-metijokarb u tas-sulfossidu u s-sulfon tiegħu, mogħtija bħala metijokarb).

<sup>(7)</sup> Ir-residwi tad-Dikofol (is-somma tal-isomeri p, p' u o,p'), tad-Dinotefuran, tal-Folpet, tal-Prokloraz (is-somma tal-prokloraz u tal-metaboliti tiegħu li fihom frazzjoni ta' 2,4,6-Triklorofenol mogħtija bħala prokloraz), tat-Tijofanat metil u tat-Triforina.

<sup>(8)</sup> Għall-finijiet ta' dan l-Anness, 'Żebgħat tas-Sudan' tirreferi għas-sustanzi kimiċi li ġejjin: (i) Sudan I (Numru tal-CAS 842-07-9); (ii) Sudan II (Numru tal-CAS 3118-97-6); (iii) Sudan III (Numru tal-CAS 85-86-9); (iv) Scarlet Red; jew Sudan IV (Numru CAS 85-83-6).

<sup>(9)</sup> Residwi tad-Diafentjuron.

<sup>(10)</sup> Residwi tal-Karbofurān.

<sup>(11)</sup> Ir-residwi tal-Fentoat.

<sup>(12)</sup> Ir-residwi tal-Klorbufam.

<sup>(13)</sup> Il-metodu ta' referenza EN/ISO 6579-1 jew metodu mqabbel miegħu biex jiġi vvalidat skont l-aktar verżjoni reċenti tal-EN/ISO 16140 jew protokoli simili oħrajn aċċettati internazzjonally.

<sup>(14)</sup> Ir-residwi tal-Formetanat (is-somma tal-formetanat u tal-imluħ tiegħu mogħtija bħala (kloridrat tal-) formetanat), tal-Protijofos u tat-Triforina.

<sup>(15)</sup> Kontrolli fizċi u tal-identità jistgħu jitwettqu mill-awtorità kompetenti tal-post ta' destinazzjoni kif indikat fis-CED, jekk ikun xieraq fuq il-post tal-operatur tan-negożju tal-ghaff u tal-ikel skont l-Artikolu 9(2) ta' dan ir-Regolament.

<sup>(16)</sup> Metodi ta' referenza: EN 1988-1:1998, EN 1988-2:1998 jew ISO 5522:1981.

<sup>(17)</sup> Ir-residwi tal-Prokloraz.

<sup>(18)</sup> Ir-residwi tad-Diafentjuron, tal-Formetanat (is-somma tal-formetanat u tal-imluħ tiegħu mogħtija bħala (kloridrat tal-) formetanat), u tat-Tijofanat metil.

<sup>(19)</sup> Ir-residwi tad-Ditijokarbamat (id-ditijokarbamat mogħtija bħala CS2, inklużi l-maneb, il-mankożeb, il-metiram, il-propineb, it-tiram u ż-żiram) u tal-Metrafenon.

<sup>(20)</sup> Ir-residwi tad-Ditijokarbamat (id-ditijokarbamat mogħtija bħala CS2, inklużi l-maneb, il-mankożeb, il-metiram, il-propineb, it-tiram u ż-żiram), tal-Fentoat u tal-Kwinalfos."

## ANNESS II

Fl-Anness I tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 885/2014, titħassar l-entrata li ġejja li tikkonċerna l-okra mill-Indja:

“(Ikel) <b>(Ikel - frisk u friżat)</b>	ex 0709 99 90	20	L-Indja (IN)	Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi multiresidwi abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi (²)	20
---	---------------	----	--------------	--	----

- (²) Ċertifikazzjoni mill-pajjiż tal-oriġini u kontroll waqt l-importazzjoni mill-Istati Membri biex tkun żgurata konformità mar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi tar-residwi tal-pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1) b'mod partikolari rigward dawn ir-residwi: l-Aċefat, il-Metamidofos, it-Triażofos, l-Endosulfan, il-Monokrotofos, il-Metomil, it-Tijodikarb, id-Diafentjuron, it-Tijametossam, il-Fipronil, l-Ossamil, l-Aċetamiprid, l-Indossakarb, il-Mandipropammid.”